MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2011

Appell Kriminali Numru. 304/2010

**Il-Pulizija**
**(Spt. David Saliba)**
**Vs**
**Mark Vassallo**
**Bernardina Maria Nadine Vassallo**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellati (Mark Vassallo ID 488164M) u Bernardina Maria k/a/ Nadine Vassallo (ID 46366(M) quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fix-xhur ta' qabel il-11 ta' Frar, 2010, fil-kapacita' taghhom ta' diretturi tal-kumpanija Aluserv Limited li hija sitwata fi Qasam Industrijali, Mriehel, naqsu li jaraw li kull parank jew "lift" installat f'post tax-xoghol taht il-kontroll taghhom, cioe' l-fond hawn fuq imsemmi, jigi ezaminat minn persuna kompetenti darba f'kull sitt xhur u tibghatu kopja ta' dan ic-certifikat lil Awtorita' kompetenti u dan ai termini ta' l-artikolu 3 (2)(3)

ta’ l-Avviz Legali 47/1964 (Factories Hoists and Lifts Regulations).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-16 ta’ Gunju, 2010, li biha wara li rat ir-Regolament 3(2) u (3) tal-a.L. 47/1964 ma sabitx lill-appellati hatja w ghaldaqstant illiberathom.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fis-7 ta’ Lulju, 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, w tiddeciedi l-mertu tal-kawza mill-gdid ai termini tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta w ssib lill-appellati imputati hatja tal-akkuzi migjuba kontrihom.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedini penali aggornati tal-appellati esebiti mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravjii tal-appellant fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-
Illi priminarjament is-sentenza ta’ l-Qorti hija nulla stante li ma tikkonformix mar-rekwiziti ta’ l-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi t-tieni aggravju huwa car hu manifest u minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju jikkonsisti filli l-Ewwel Qorti naqset milli taghmel interpretazzjoni u tasal ghall-konkluzzjoni korrett tal-ligi u l-fatti pertinenti ghal-kaz in kwistjoni.

Illi l-appellati imputati kienu akkuzati permezz ta’ A.L. 47/1964 hekk kif suppost. Illi skond dan l-A.L. ikun hemm bzonn li ssir spezzjoni tal-lifts imqar darba kull sitt xhur.

Illi waqt il-mori tal-kawza, Kevin Gauci, ghan-nom tal-Awtorita’ ghas-Sahha w is-Sigurta’ fuq il-post tax-xoghol (OHSA) xehed li l-ahhar darba li kien sar spezzjoni fuq il-lifts minn persuna kompetenti, ghaldaqstant dan kien Novembru 2008.

Illi Claire Camilleri ghan-nom tal-Malta Financial Services Authority (MFSA) xehedet li l-appellati imputati kienu l-unici principali/diretturi tal-kumpanija Aluserv Ltd.

Illi ghall-finijiet ta' dan il-kaz il-ligi taghmel distinzjoni cara bejn lifts li huma intizi :
Persuni
Persuni u merkanzija
Merkanzija biss jekk il-karru huwa accessibbli, jigifieri persuna tista' tidhol fih minghajr diffikulta', u mghammar b'kontrolli li jkunu jinsabu gewwa l-karru jew li jistghu jintlahqu mill-persuna gewwa l-karru.

Illi skond l-artikolu 11(1)(b) ta' l-istess Regolamenti jinghad li :
*(1) id-disposizzjonijiet tar-Regolamenti ta' l-1964 dwar Fabbriki (Parankijiet u Liftijiet), ghandhom jibqghu japplikaw kif gej :*
*(b) ghal finijiet ezistenti stallati f'post tax-xoghol, sal-31 ta' Dicembru 2008, izda ghandhom jibqghu japplikaw ghal makkinarju l-iehor kollu li ghalih dan l-avviz legali japplika.*

Illi f'dan il-kaz partikolari, l-lift kien installat qabel il-31 ta' Dicembru, 2008 u l-kontrolli ma kienux jinsabu gewwa l-karru izda barra allura r-regolamenti u l-ligi li japplikaw f'dawn ic-cirkostanzi mhumiex ir-regolamenti ta' A.L. 231 tal-2007, izda bil-fors ir-regolamenti tal-A.L. 47/1964.

Illi huwa propju f'dan il-punt krucjali li l-Ewwel Qorti naqset u zbaljat fl-interpretazzjoni taghha tal-ligi li japplika.

In fatti tant hu minnu dan il-punt li c-certifikat li sussegwentement kien hareg liema certifikat gie mghoddi lill-Awtorita' ghas-Sahha w Sigurta' wara l-istess udjenza tal-Qorti fir-rigward dan il-lift kien a bazi tal-A.L. 47/1964.

Illi li kieku l-Ewwel Qorti għamlet interpretazzjoni tal-ligi korretta a bazi tal-provi skjacanti migjuba l-quddiem mill-prosekuzzjoni, ċertament il-każ kien ppruvat mingħajr ebda dubju dettat mir-raguni.

Illi in vista ta’ dawn il-punti kif hawn dedotti u pprezentati mill-prosekuzzjoni u li ghad irid isiru fit-trattazzjoni ta’ dan l-appell, bid-dovut rispett l-appellant ihoss illi l-Ewwel Qorti kellha provi bizzejjed kieku sar analizi korrett tal-ligi a bazi ta’ liema ssib lill-appellati imputati ħatja tal-akkużi migjuba kontrihom in vista ta’ dak li jipprovdi l-ligi.

Rat is-sentenza preliminari (29 Novembru 2010) ta’ din l-istess Qorti kif preseduta li fiha ċaħdet l-ewwel aggravju tal-Avukat Ġenerali u ordnat li din il-kawża tkompli tinstema’.

Ikkonsidrat

Li mix-xhieda mtellgħin mill-Prosekuzzjoni rriżulta li l-imputati kienu d-diretturi tas-soċjeta’ Uniserv Limited fil-11 ta’ Frar 2010. (Xhieda ta’ Claire Camilleri Borg – Manager tar-Registry of Companies MFSA u dok a fol 7).

Li mix-xhieda tas-sur Kevin Gauci irriżulta li fis-sena 2006 kien spjegaw lill-ħaddiema tal-kumpanija l-importanza li jippreżentaw iċ-ċertifikat dwar il-goods lift regolarment. Fis-sena 2009 kienu qalulhom ukoll dwar id-dmir impost mil-liġi li jkollhom ċertifikat tal-lift għax dawn ma kinux qed jintbagħtu darba kull sitt xhur. Dan kien Goods Lift li jaqa’ taħt ir-regolamenti 47 tas-sena 1964 għax itella’ merkanzija biss. Il-kontrolli kienu fuq barra. L-aħħar li ntbagħat iċ-ċertifikat kien fit-12 t’Ottubru 2008.

Għal dawk li huma fatti jirriżultaw li

(a) L-imputati kienu d-direttur fiż-żmien indikat fiċ-ċitazzjoni;
(b) Li l-lift kien installat qabel il-31 ta’ Diċembru 2008 u li l-kontrolli ma kinux ġewwa l-karru **iżda barra**;
(ċ) Li l-aħħar ċertifikat li ntbagħat kien fit-12 t’Ottubru 2008 u għalhekk kienu għaddew aktar minn sitt xhur sal-11 ta’ Frar 2010.

Dwar il-punti ta’ liġi kien hemm diverġenza bejn l-abbli Prosekutur u l-abbli difensur. Il-Prosekuzzjoni insistiet li r-regolament 3(2)(3) tal-Avviż Legali 47/1964 kien għadu

japplika (Factories Hoists and lifts Regulations). Id-difiża ssottomettiet li l-imputati qatt ma setgħu jinstabu ħatja taħt dawk ir-regolamenti.

Il-kelma 'Lift' fir-regolamenti 427.63 (li jaqgħu taħt il-Products Safety Act) tfisser

'mezz ta rfigħ li jservi livelli speċifiċi, li għandu karru li jimxi tul gwidi li huma riġidi u inklinati b'angolu ta' aktar minn 15-il grad fin-naħa orizzontali, intiżi għat-rasport ta'

(a) Persuni;

(b) persuni u merkanzija;

(ċ) merkanzija biss jekk il-karru huwa aċċessibbli, jiġifieri persuan tista' tidħol fih mingħajr diffikulta' u mgħammar b'kontrolli li jisnabu ġwewwa l-karru jew li jistgħu jintlaħqu mill-persuna ġewwa l-karru.'

Ir-regolament 3(2) (3) tal-Avviż Legali 424.05 ( Regolamenti dwar il-Postijiet tax-Xogħol (Parankijiet u Liftijiet) jobbligaw hekk:

'Kull **parank** jew **lift** għandu jkun eżaminat sewwa minn persuna kompetenti darba f'kull perjodu ta' sitt xhur; u jobbligaw lil kull sid jew okkupant ta' xi post jew spazju fil-beraħ li jara li kull lift jew parank jiġi eżaminat minn persuna kompetenti.'

Taħt l-istess regolamenti il-kelma 'parank' tfisser kull tip ta' magna jew apparat ta' rfigħ.

Ir-Regolament 11 tar-Regolamenti dwar Spezzjoni ta' Liftijiet (S.L. 427.63) jipprovdi li r-Regolamenti dwar il-Postijiet tax-Xogħol (Parankijiet u liftijiet) għandhom jibqgħu japplikaw kif ġej:

(a) għal-liftijiet ġodda stallati f'post tax-xogħol, ir-regolamenti 3(2) ta' dawk ir-regolamenti japplika sa l-1 ta' Jannar 2008;

(b) għal-liftijiet eżistenti[1] stallati f'post tax-xogħol ir-regolament 3(2) ta' dawk ir-regolamenti għandu jibqa' japplika sal-31 ta' Diċembru 2008,

**Iżda għandhom jibqgħu japplikaw għall-makkinarju l-ieħor kollu li għalih japplikaw dawk ir-regolamenti**.

Din l-aħħar parti tar-regolament 11 japplika għal dak l-**apparat ta' rfigħ li jaqa' taħt id-definizzjoni ta' 'parank' fir-regolamenti 424.05. (ara regolamenti 2)**

Peress li l-apparat in kwistjoni għandu l-kontrolli minn ***barra* ,** ma jaqax taħt id-definizzjoni tal-kelma 'lift' li tidher fir-regolamenti 427.63 għax ebda parti mid-definizzjoni tal-kelma 'lift' f'dawn ir-regolamenti ma tkopri apparat li għandu l-kontrolli **minn barra**. Għaldaqstant il-proviso tar-regolament 11 riprodott żewġ paragrafi aktar 'il fuq jgħodd għall-apparat in kwistjoni.

Isegwi li huwa applikabbli l-artikolu 3(2)(3) tal-Avviż Legali 47/1964.

Għaldaqstant l-imputati setgħu jinstabu ħatjin li ma osservawx ir-regolamenti tal-L.S. 424.05 meta naqsu li jibagħtu ċ-ċertifikati fil-ħin dwar l-apparat fil-ħin..

Isegwi li huwa applikabbli l-artikolu 3(2)(3) tal-Avviż Legali 47/1964.

**Konklużjoni**

Għaldaqstant il-Qorti qegħda tħassar u tirrevoka s-sentenza fl-ismijiet premessi mogħtija fis-16 ta' Ġunju 2010, u wara li rat l-artikolu 38(1)(3) tal-Kap 424 u r-regolament 3(2)(3) tal-Aviż Legali 47/1964 (S 424.05) qed issib lill-imputati ħatja tal-imputazzjoni dedotta kontrihom u qed tikkundannhom iħallsu multa ta' €500 bejniethom.

---

[1] Ir-regolamenti 427.63 jagħtu wkoll definizzjoni ta' 'lift eżistenti' u 'lift ġdid'. Lift eżistenti tfisser lift li kien stallat u ddaħħal fis-servizz qabel l-1 ta' Lulju 2002; 'lift ġdid' tfisser lift stallat u mdaħħal fis-ervizz sa mill- 1 ta' Lulju 2002

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------